MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 126/2006

**Il-Pulizija**

***Versus***

**George Vella u Massimo Galea**

Dan huwa appell ta’ wieħed mill-ħatja mill-piena.
L-appellant Massimo Galea kien mixli flimkien ma’ ħaddieħor talli:
a) “fl-14 ta’ Awissu 2002 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmulin b’riżoluzzjoni waħda, *ai termini* ta’ l-artikou 18 tal-liġijiet ta’ Malta Kap. 9” [*sic*];
b) fil-15 ta’ Awissu 2002, f’xi ħin matul il-jum, fi Triq Censu Xerri, tas-Sliema, seraq *stereo* tal-għamla *Clarion* li jiswa aktar minn mitt lira (Lm100) izda anqas minn elf lira (Lm1,000), u ħafna ħwejjeġ oħra fosthom flus kontanti minn ġo vettura tal-għamla *Volkswagon Polo* bin-numru tar-reġistrazzjoni LCA 823, u dan is-serq huwa ikkwalifikat

bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u sar għad-dannu ta' Naomi Grima Enriquez;

c) fis-17 ta' Frar 2002, f'xi ħin matul il-jum, fi Triq il-Papa Piju V, il-Belt Valletta, seraq *stereo* tal-għamla *Pioneer* li jiswa aktar minn mitt lira (Lm100) izda inqas minn elf lira (Lm1,000) minn ġo vettura tal-għamla *Volkswagon Polo* bin-numru tar-reġistrazzjoni FBH 941, u dan is-serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u sar għad-dannu ta' Valhmor Montfort;

d) fit-23 ta' Frar 2002, f'xi ħin matul il-jum, fi Triq il-Papa Piju V, il-Belt Valletta, seraq apparat tal-fotografija minn ġo vettura tal-għamla *Kia Pride* bin-numru tar-reġistrazzjoni GAK 217, u dan is-serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u sar għad-dannu ta' David James;

L-appellant Massimo Galea waħdu kien mixli wkoll talli:

e) fis-7 ta Frar 2002, flimkien ma' persuna jew persuni oħra mhux magħrufa, f'xi ħin, fix-Xatt ta' Ta' Xbiex, l-Imsida, seraq ammont ta' *compact discs* minn ġo vettura tal-ghamla *Fiat Punto* bin-numru tar-reġistrazzjoni KBE 328, u dan is-serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u sar għad-dannu ta' Mark Spiteri;

f) fid-9 ta' Marzu 2002, flimkien ma' persuna jew persuni oħra mhux magħrufa, f'xi ħin, fi Triq il-Prinċipessa Margerita, Ta' Xbiex, seraq oġġetti fosthom *stereo* tal-ghamla *Pioneer*, li jiswa aktar minn mitt lira (Lm100) izda anqas minn elf lira (Lm1,000) minn ġo vettura tal-għamla *Fiat Punto* bin-numru tar-reġistrazzjoni DBD 686, u dan is-serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u sar għad-dannu ta' Carmel Taliana;

g) fit-8 ta' April 2002, flimkien ma' persuna jew persuni oħra mhux magħrufa, matul il-jum, fl-Università ta' Malta, l-Imsida, seraq oġġetti fosthom *stereo* tal-għamla *Pioneer*, li jiswa aktar minn mitt lira (Lm100) izda anqas minn elf lira (Lm1,000), minn ġo vettura tal-għamla *Fiat Punto* bin-numru tar-reġistrazzjoni ABG 369, u dan is-serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u sar għad-dannu ta' Darren Cassar;

h) fil-21 ta' April 2002, flimkien ma' persuna jew persuni oħra mhux magħrufa, bil-lejl, fi Triq il-Għargħur, Birkirkara, seraq diversi oġġetti fosthom *stereo* tal-ghamla *JVC*, li flimkien jiswew aktar minn mitt lira (Lm100) izda

anqas minn Lm1000, minn ġo vettura tal-ghamla *Fiat Punto* bin-numru tar-reġistrazzjoni KIM 887, u dan is-serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u sar għad-dannu ta' Carmel Borg;

i) fis-6 ta' Mejju 2002, jew fil-jiem ta' qabel, flimkien ma' persuna jew persuni oħra mhux magħrufa, bil-lejl, fi Triq tal-Ħriereb, l-Imsida, seraq *stereo* tal-ghamla *Clarion*, minn ġo vettura tal-għamla *Fiat Punto* bin-numru tar-reġistrazzjoni EBC 651, u dan is-serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u sar għad-dannu ta' David Farrugia;

j) fil-21 ta' Ġunju 2002, flimkien ma' persuna jew persuni oħra mhux magħrufa, matul il-jum, fi Triq Oscar Zammit, l-Imsida, seraq *stereo* tal-għamla *Clarion*, li jiswa aktar minn mitt lira (Lm100) izda anqas minn elf lira (Lm1000), minn ġo vettura tal-għamla *Fiat Punto* bin-numru tar-reġistrazzjoni SEG 100, u dan is-serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u sar għad-dannu ta' Vincent Seguna u/jew Margaret Ohaka.

k) fl-24 ta' April 2002, flimkien ma' persuna jew persuni oħra mhux magħrufa, fi Triq il-Qattus, Ta' Paris, Birkirkara, seraq diversi oġġetti, fosthom flus kontanti, minn ġol-*garages* numru 4, 5 u 6 fi Triq il-Qattus, Ta' Paris Birkirkara, u dan is-serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-ħin u sar għad-dannu ta' diversi persuni;

l) fit-3 ta' Ġunju 2002, jew fil-granet ta' qabel, bil-lejl, fi Triq il-Wied, il-Mosta, seraq diversi oġġetti, fosthom *power tools*, li flimkien jiswew aktar minn mitt lira (Lm100) izda anqas minn elf lira (Lm1000) minn ġol-*garage* numru 3, u dan is-serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin u sar għad-dannu ta' Anthony Saliba;

m) fit-22 ta' Gunju 2002, bil-lejl, fi Triq il-Wied, il-Mosta, seraq *stereo* tal-għamla *Kenwood*, minn ġol-*garage* bla numru, aċċessibli minn Triq il-Wied, il-Mosta, u dan is-serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-ħin u sar għad-dannu ta' Giovanna Falzon;

n) fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Lulju 2002, bil-lejl, fi Triq Durumblat, il-Mosta, seraq *electric driller'*, li jiswa aktar minn mitt lira (Lm100) iżda anqas minn elf lira (Lm1000) minn ġol-fond *Saint Mary's Garage*, u dan is-serq huwa

ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin u sar għad-dannu ta’ Loretu Agius;
o) fit-3 ta’ Lulju 2002, jew fil-jiem ta’ qabel, bil-lejl, fi Triq San Silvestru, il-Mosta, seraq diversi oġġetti, fosthom apparat tal-*hi-fi*, li jiswew aktar minn mitt lira (Lm100) izda anqas minn elf lira (Lm1000) minn ġol-*garage* numru 50, u dan is-serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin u sar għad-dannu ta’ Simon Felici;
p) fl-1 ta’ Lulju 2002, bil-lejl, fi Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa, flimkien ma’ persuna jew persuni oħra mhux magħrufa, seraq diversi oġġetti, fosthom mitejn u ħamsin lira (Lm250) fi flus kontanti u *moble phone* ta’ għamla mhux magħrufa, li jiswew aktar minn mitt lira (Lm100) iżda inqas minn elf lira (Lm1000) minn ġol-fond *Ave Maria*, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa, u dan is-serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bil-lok u sar għad-dannu ta’ Cristino Mifsud u/jew Wiġi Mifsud;
q) fil-11 ta’ Awissu 2002 fi Triq l-Imtieħen, il-Belt Valletta, seraq diversi oġġetti, fosthom seba’ mitt lira (Lm700.00) f’deheb, li jiswew aktar minn elf lira (Lm1000) minn ġol-fond 1A Triq l-Imtieħen, Valletta, u dan is-serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok u sar għad-dannu ta’ Maria Assunta Cordina;
r) fit-12 ta’ April 2002, f’xi ħin matul il-ġurnata, waqt li kien l-Imsida, bil-ħsieb li jagħmel delitt ta’ serq minn ġo vettura tal-għamla *Fiat Punto* bin-numru tar-reġistrazzjoni GHI 021, ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-dannu ta’ Katya Ghio, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt li ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;
s) fil-lejl ta’ bejn il-25 u s-26 ta’ Ġunju 2002, bil-lejl, waqt li kien il-Mosta, bil-ħsieb li jagħmel delitt ta’ serq minn ġol-*garage* numru 31 Triq il-Ballut, il-Mosta, ikkwalifikat bil-mezz u bil-ħin, għad-dannu ta’ Calcedonio Vella, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt li ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;
t) fil-lejl ta’ bejn it-8 u d-9 ta’ Lulju 2002, bil-lejl, waqt li kien il-Mosta, bil-ħsieb li jagħmel delitt ta’ serq minn ġol-*garage* numru 31, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, ikkwalifikat bil-mezz u bil-ħin, għad-dannu ta’ Aaron

Scicluna, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt li ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;
Flimkien ma' ħaddieħor kien mixli wkoll talli:
u) fil-15 ta' Awissu 2002 u fix-xhur ta' qabel, f'dati, ħinijiet u ċirkostanzi differenti, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeg misruqa, meħuda b'qerq jew miksuba b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibigħhom jew imexxihom, u dawn il-ħwejjeġ misruqa ġew minn reati ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin, bil-lok u bix-xorta tal-ħaġa misruqa; u
v) fil-15 ta' Awissu 2002 u fix-xhur ta' qabel, volontarjament għarraq jew għamel ħsara lil ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' diversi persuni, u din il-ħsara, f'kull każ, hija ta' aktar minn ħamsin lira (Lm50) iżda inqas minn ħames mitt lira (Lm500).
B'sentenza mogħtija fil-5 t'April 2006 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara ammissjoni ta' l-appellant, sabitu ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu, u, wara li rat *pre-sentencing report* imħejji minn *probation officer* u rat ukoll l-artt. 261, 263, 270, 271, 278, 279, 280, 281, 41, 334, 325, 20, 31 u 17 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannatu għall-piena ta' tliet snin priġunerija.
B'rikors ippreżentat fit-18 t'April 2006 l-appellant talab illi din il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn ikkundannatu għall-piena ta' tliet snin priġunerija u, minflok, tagħti piena aktar xierqa li tgħodd għall-każ.
L-aggravji ta' l-appellant huma essenzjalment dawn:
1. illi l-ewwel qorti ma qisitx il-fatt illi l-appellant għamel stqarrija mal-pulizija fejn mhux biss ammetta l-ħtija tiegħu iżda wkoll kixef reati oħra u għen biex il-pulizija ssolvi numru ta' serqiet; din il-kollaborazzjoni ma seħħitx għax l-appellant inqabad *in flagrante* iżda l-appellant għamel l-istqarrija tiegħu minjeddu;
2. l-appellant ħalla warajh għal dejjem it-triq tal-ksur tal-liġi u iddeċieda serjament li jirriforma ruħu u jaqbad it-triq it-tajba u qiegħed ukoll ifittex li jfiq mill-vizzju tad-droga u għamel ħafna progress f'dan; jekk jingħata piena ta' priġunerija l-appellant jista' jmur lura minn dan il-progress;

il-pass li jmiss għar-ri-abilitazzjoni tiegħu hu illi jiġi impjegat – u fil-fatt l-appellant sab impjieg wara li sar ir-rikors ta' l-appell – u dan il-pass jintilef jekk jingħata l-priġunerija;
3. ma ngħatax il-benefiċċju tar-reat kontinwat taħt l-art. 18 tal-Kodiċi Kriminali; u
4. mgħejjun mill-ġenituri tiegħu l-appellant għamel tajjeb għad-danni li ġarrbu dawk li seraq.
Għal dawn ir-raġunijiet, igħid l-appellant, il-piena li ngħata hija eċċessiva u, fiċ-ċirkostanzi, il-piena ta' priġunerija ma hijiex xierqa u tista' tkun ukoll kontro-produċenti.
Din il-qorti, bħall-ewwel qorti, tapprezza l-fatt illi l-appellant għen lill-pulizija, għamel tajjeb għall-ħsara li għamel lil ħaddieħor, u jidher illi qabad it-triq it-tajba. Dawn huma kollha fatturi li qisithom l-ewwel qorti meta tat il-piena, u kien għalhekk illi l-piena mogħtija, għalkemm l-appellant f'aktar minn għoxrin okkażjoni seraq jew għamel tentitiv li jisraq, kienet anqas sew mill-ogħla piena li setgħet tingħata. Frankament, din il-qorti, bħall-ewwel waħda, ma tifhimx kif l-appellant jista' jippretendi li jinħeles minn piena effettiva wara karriera kriminali bħal dik. Barra minn hekk, il-priġunerija hija wkoll mezz li jgħin fir-riforma tal-ħati, u sservi biex issaħħaħ lill-appellant fir-rieda tiegħu li ma jerġax jagħmel dak li wasslu biex spiċċa l-ħabs, għax ikun jaf mill-esperjenza tiegħu xi jfisser dak it-deterrent.
L-aggravju illi l-appellant ma ngħatax il-benefiċċju tar-reat kontinwat taħt l-art. 18 tal-Kodiċi Kriminali huwa wieħed għal kollox frivolu. Li kieku l-appellant ingħata piena għal kull serqa li għamel, flok ma r-reati kollha tqiesu bħala wieħed kontinwat, il-piena li kien jingħata kienet tkun astronomikament ogħla minn dikli fil-fatt ingħata.
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u twettaq f'kollox is-sentenza appellata.
Tordna wkoll illi tintbagħat kopja ta' din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------